

# Bniedem-art

Il-kittieb Russu Leo Tolstoy li għex bejn l-1828 u l-1910, kien Konti għani, u bin in-nobbli. Madankollu, minkejja l-ħafna artijiet li kellu, qatt ma ried jgħix ta' sinjur. Li tkun veru nisrani kien għalih ifisser li titbiegħed minn dak kollu li jista' jaljena lil bniedem mir-rabta tiegħu man-natura madwaru, u mill-umanità madwaru.

Tolstoy kien jaħdem iebes fir-raba' tiegħu stess, jagħmel hu stess il-ħobż li jiekol, jgħix ma' l-ifqar nies, jgħallem lit-tfal, u fuq kollox kien kapaċi jħobb. Kien jaf illi jeħtieġ iħares madwaru, u jara dak kollu li ħafna ma kienux jaraw. Kien kapaċi jikkritika ħalli jitranġaw dawk il-ħwejjeġ li kien jara sejrin ħażin. Sewwa sew bħalma bniedem ħanin juri lil sieħbu l-ħażin li ma jkunx qiegħed jara.

Dan kien is-sigriet ta' Tolstoy. L-imħabba. Il-kilba li kellu għall-ġid tal-bnedmin madwaru. Barra minn hekk għaraf kemm kienet qawwija u setgħana l-kelma f'idejn min jaf jużaha sewwa.

Tolstoy kien wieħed mill-aktar kittieba li rnexxielhom jifhmu lill-bnedmin madwarhom. Fil-kitbiet tiegħu Tolstoy mhux biss wera dak li kien qiegħed iseħħ fir-Russja fi żmienu, iżda iktar minn hekk, irnexxielu juri lil bnedmin illi jeħtieġ jiftakru li huma bnedmin, iħarsu u jaraw min huma, il-ħażen tagħhom, id-dgħufija tagħhom. Il-bniedem dejjem bniedem. Dak li wera Tolstoy: li bniedem jeħtieġ ikun annimal iżda b'daqsxejn melħ, u meta dik id-daqsxejn melħ u ħsieb ma tintużax, il-bniedem isir baħnan, imbeċilli, qerried tiegħu innifsu, kiefer, bhima salvaġġa.

Tolstoy kiteb ħafna stejjer qosra, drammi u rumanzi. F'kull ġrajja li kiteb hemm il-bniedem li sa jbati. It-tagħlima li sa jkollu jitgħallem ukoll meta hu tard wisq.

Il-kitba ta' Tolstoy tħasseb mhux biss lill-bniedem waħdu waħdu bħala individwu, iżda lill-Ġnus kollha. Il-bniedem hu sewwa sew il-qalba ta' kull ġens li jeżisti!

Għidtha kemm-il darba li Nannti Ġużeppa, u n-nannu Pawlu Tal-Qantara minn qiegħ il-pal tal-bajtar tax-xewk ta' dak li kien Selmun, kienu ħtija li tgħallimt dwar l-ambjent naturali ta' Malta u ħabbejtu bla tarf. Kienu huma ħtija li, flimkien ma' Tolstoy għallmuni li jekk lill-bidwi tneħħilu u teqridlu l-art u l-ħamrija qed teqred mhux biss lill-bidwi u lill-bniedem bid-dinjità tiegħu kollha, iżda qed teqred lill-istess Ġens tagħna.

Dan ifisser li dan li ġej, għalkemm ktibtu jien hawn Malta biex jinftiehem minn qarrejja Maltin fl-ambjent tagħna hawn Malta, jagħmel sens ukoll kull fejn hemm il-bniedem. Tolstoy u nannti Ġużeppa kienu influenza kbira fuq dak li jħassibbni u jġegħilni nikteb illum. Din il-kitba li ġejja hi waħda minn erba' kitbiet li jidhru wkoll fil-ktieb tiegħi "Stejjer Minn Wied Għarbiel" ippubblikat fl-2006.

L-istejjer l-oħra kollha li hemm fil-ktieb, jiena ktibthom meta tnebbaħt u fhimt kemm il-kilba tal-bniedem li jeqred l-ambjent tiegħu, u lilu nnifsu, hi kilba universali, u mhux marda tagħna l-Maltin biss.

Leo Tolstoy, u s-sigħat li qattajt fl-għelieqi ma' missieri, u man-nanniet tiegħi, għallmuni li l-għeruq ta' l-identità ta' kull ġens jinsabu fil-ħaddiem marbut ma' l-art madwaru, u fir-rispett lejn l-ambjent natural: bhejjem u pajsaġġ.

Dawn lili għallmuni li jekk lill-bidwi Malti neqirdulu l-art, l-għelieqi, il-wileġ u l-widien, is-siġar u l-ħitan tas-sejjieħ, u dak kollu marbut ma' dawn, neqirdu mhux biss il-biedja f'Malta, iżda neqirdu lill-istess għeruq li jnisslu l-imħabba tal-Ġens Malti lejn Malta u lejn l-identità Maltija. Il-ħolqa li jien insejjaħ bniedem-art hi ħolqa waħda li jeħtieġ ma titkisser qatt.

B'dawn il-grajjiet sempliċi ridt nuri l-qawwa tar-rabta tal-bniedem ma' l-ambjent naturali madwaru. L-ambjent hu l-istess ruħ tal-bidwi u tal-ħaddiem. Fl-ambjent il-bniedem mhux biss jgħix, iżda jislet il-valuri li jkollu bżonn biex jista' jgħix aħjar u b'aktar sens il-jumejn ħaj li jqatta' fuq dawn l-iskolli.

Jekk lill-ġens Malti nkissrulu s-sens bniedem-art fih, billi neqirdulu dak il-wirt naturali u mmewtulu l-wirt kulturali tiegħu, (l-ilsien Malti, il-festi, in-nar, il-qwiel, id-drawwiet tiegħu), x'jibqa' minn Malta tagħna? Tibqa' Malta? Nibqgħu Maltin?

(Nota ta' l-awtur)

# Il-Ħanżir l-Art

Novella ta' Paul P. Borg

Darba kien hemm mara ta' bidwi fqajjar. U x-xitan ġmielu jsefsfilha f'widintha. Daqqa minn waħda, u daqqa mill-oħra.

Darba kien hemm mara oħra, mara ta' neguzjant għani. U x-xitan ġmielu jsefsfilha f'widintha. Daqqa minn waħda, u daqqa mill-oħra.

Żewġ nisa aħwa, jitkellmu. Jitbissmu lil xulxin.

Mhux jiġġieldu kienu qegħdin. Mhux iqattgħu xagħar xulxin. Iżda agħar minn hekk. Kienu qed ikissru l-ispirtu ta' xulxin. Jittantaw jgħawru f'qalb xulxin. Mhux iqattgħu qalb xulxin b'diffrejhom kienu, iżda jċarrtu qalb xulxin bi kliemhom b'mod li qatt aktar ma kienu jkunu jistgħu jitfejqu.

"Aħna l-bdiewa ngħixu mhux ħażin ħażin," kienet qed tgħid waħda minnhom. "Għandna biżżejjed, għandna dak li hemm bżonn. Ikel, ilbies, ngħixu ħafna snin... inbatu imma, xogħlna iebes wisq, inbatu wisq minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam... Imma ferħanin dejjem!..."

Imbagħad waqfet.

"Aħna għonja m'aħniex, imma ma nistgħux niftaqru," kompliet, "għax aħna qatt m'għandna xejn x'nitilfu!"

U reġgħet waqfet.

"L-għonja biss jiftaqru..." qalet fl-aħħar waqt li tat ħarsa minn taħt lejn l-oħra.

Dawn l-għonja dejjem imdejqin bihom infushom, sefsfilha x-xitan f'widintha. L-għonja dejjem imdejqin minn ġewwa, dejjem lesti għal min jersaq lejn dak li għandkom. Jaħsbu li magħżulin fost il-bnedmin biex imexxu d-dinja! Jaħsbu li ma jmutu qatt. Jaħsbu li meta jmutu ser iġġorru kollox magħhom lejn il-qabar. Jaħsbu li ma jikolhomx id-dud lilhom! Jaħsbu li l-art u l-widien jistgħu jixtruhom bil-flus... Ma jafux l-art xi ġmiel tkun meta tkun maħduma. Ma jafux x'hena jkollok tara l-frott ħiereġ minn wiċċ it-trab! Ma jafux xi tfisser l-arja friska, u x-xemx tielgħa...

"Insomma...insomma..." wieġbet mart in-neguzjant bi tbissima xotta xotta. Xi trid tgħid biha din ohti li l-għonja biss jiftaqru, ħasbet weħedha.

"Imma ħajjithom il-bdiewa taf tkun miżerja," nibxitha. "Jgħixu bħal bhejjem ħafna drabi. Reqdin kollha f'daqqa, jieklu li jsibu, ja-a-a-aqq! Kultant isiru tallaba... jmutu fuq iż-żibel fejn jgħixu... Ummi ma! Ferħanin għax ma jafux ferħ iehor x'inhu. Ma jafux ħajja oħra x'inhi... Kuntenti bil-ftit li għandom għax ma jafux xi jfisser li jkollok..."

Ix-xitan qabeż minn għand waħda għal għand l-oħra b'ħeffa ta' għafrid minn qiegħ l-infern! Donnu tlebliba ta' lsien nar qawwi jħeġġeġ fil-majjistrall!

Il-bdiewa reqdin minn ġewwa, qalilha x-xitan f'widintha lil mart in-neguzjant. Il-bdiewa lanqas ħila jħarsu sewwa madwarhom m'għandhom! Jilagħbuha ta' ferħanin imma mdejqin mhux ftit minn ġewwa! Mimlijin għira għall-għonja għax l-għonja għandhom il-flus, u għandhom is-setgħa. L-għonja jixtru kull fejn iridu, u lil min irridu. L-għonja jibilgħu lil min iridu! Il-bdiewa beżżiegħa! Il-bdiewa aljenati bix-xogħol! Lanqas jafu jaħsbu sewwa! U dejjem iridu! Il-bdiewa qatt m'għandhom biżżejjed! Dejjem jokorbu! Dejjem iridu! Dejjem iridu! Aktar m'għandhom aktar iridu....

Imbagħad ferfer denbu, dar dawra mejt u reġa' ġera għal widintha.

U inti ja mart in-neguzjant, x'ħin trid tista' tixtrih lill-bidwi. Tista' tixtrilu l-wileġ u l-għelieqi u l-widien. Meta tridu tikkorrompih, x'ħin trid! Tista tagħmieh bil-flus lill-bidwi! Tista' timmanipulah kif trid!. Il-bidwi traditur tiegħu innifsu, ċuċ u dejjem iċċedi! Il-bidwi baħnan!

L-għanja kellha nofs tbissima. Ferħana b'dak li kienet qed tisma' għaddej ġo fiha.

U baqgħu jixorbu t-te fis-skiet...

Ix-xitan reġa' għand mart il-bidwi. Intom il-bdiewa għandkom dritt għall-art. In-natura tagħkom imissha tkun, u ta' ħadd aktar! L-għonja qatt m'għandhom biżżejjed! Dejjem iridu! Dejjem iridu! Aktar m'għandhom aktar iridu!

Il-bidwija kellha nofs tbissima. Ferħana b'dak li kienet qed tisma' għaddej ġo fiha.

In-nisa baqgħu jizzikkaw lil xulxin. Jinbxu lil xulxin. U jitbissmu lil xulxin xorta waħda.

U x-xitan jogħrok idejh, u jferfer denbu bil-hena! U jħawwad kemm jiflaħ.

* * *

Ċensu s-Sikka l-bidwi kien qiegħed jisma' lil martu titmasħan m'oħtha fil-kamra l-oħra. Mhux jiġġieldu, mhux iqattgħu xagħar xulxin, iżda agħar minn hekk. Kienu jkissru l-ispirtu ta' xulxin. Jittantaw jgħawru f'qalb xulxin. Iċarrtu qalb xulxin darba għal dejjem b'mod li qatt aktar ma jkunu

jistgħu ifejjquha.

Għal waqt wieħed kellu ħajra jmur jaqbad lill-oħt il-mara minn xagħrha u jkaxkarha 'l barra mir-razzett.

Iżda qabel ma ċċaqlaq minn postu, ħass lix-xitan ipespislu f'widintu.

"Bil-mod Ċens! Bil-mod, bil-mod! Mhux hekk," qallu x-Xitan waqt li beda jferfer denbu. "Iwa ifhem x'qed tgħid oħt il-mara għal darba! Inti wkoll jista' jkollok flus kemm trid u art kemm trid! Jekk inti trid jien ngħinek takkwista l-art! Imma tkunx baħnan! Aħdem b'moħħok!"

U fesfes minn hawn u fesfes minn hemm, il-bidwi bħal baxxa rasu u ftiehem li kellu jibda jipprova jakkwista aktar art!

Kieku jkolli aktar raba', ħaseb bejnu u bejn ruħu, u kieku jkolli aktar għelieqi nkun nista' nħabbatha anki max-xitan, u neħodha anki miegħu. U ħadd ma jkun jista' għalija! Inżomm feles ċkejken għalija, imqar fejn ikolli dielja u fejn inbejjet żewġ fuliet u piżelliet, nagħmel mixtla tewm u basal, u nħawwel żewġ bżariet... u żewġ qarat twal... u żewġ brinġiliet... nagħmel sieqja ħass u kaboċċi

"Inti jixraqlek aktar art," kompla jmassħan ix-xitan, u jferfer denbu b'aktar għaġla. "Dawk l-għonja li għandhom l-art, u flus kemm jesa' ġildhom mhux bħalek bnedmin? Mela kemm sa ddum sejjer hekk! Ma tista' tinqala' qatt minn din it-tbatija baħnan!"

Ċensu kemmex xbinu u tħasseb. U dak il-waqt l-hena tar-raddet il-moħriet ipinġu ma' l-art, lemaħħom kollha għaraq u kollha tbatija flok ralhom il-ferħ u l-hena tas-soltu. Id-dris tal-qamħ fuq il-qiegħa, u ħsad is-silla, raħ xogħol iebes, tkissir tad-dahar, tgħawiġ ta' l-għadam, flok bżulijia u riħa tfuħ ta' żara' u ħobż Malti. Ra kollox saħta mimlija xkejjer dagħa flok barka t'Alla u sliem ma jaqta' xejn!

Ix-xitan kien bejjitlu kilba ġdida f'ruħu.

U x-xitan jogħrok idejh u jferfer denbu bil-hena!

## Feles wara Feles

M'għaddhiex żmien wisq, ftit wara li ħallas il-qbiela ta' Santa Marija, Ċensu s-Sikka kien ġej lura mir-raba'. Dal-aħħar geddumu kien iddendel, u qalbu swiedet sewwa.

F'daqqa waħda mill-bogħgod sema lit-tifla l-kbira ta' waħda mill-ġirien tgħajjat u tixher kemm tiflaħ mil-loġoġ tar-razzett, għax ommha kienet mietet. Ix-xiħa kienet mietet, u Ċensu mill-ewwel ħaseb fuq il-firxiet ta' raba' li x-xiħa kellha, u x'kien sa jsir minnhom.

"Issa l-waqt Ċens!" qallu x-xitan. "Issa! Iċċaqlaq! Iċċaqlaq Ċens! Iċċaqlaq!"

U tabilħaqq! Ċensu ma stenniex żmien wisq biex jiċċaqlaq, għax mar fejn kellu jmur, qal li kellu jgħid. Imbagħad ħaduh għand nutar il-Belt, qrawlu xi kliem li ma setax jifhem sewwa, kiteb ismu fuq xi karti u sar sid ta' wesgħat kbar ta' raba' jifirxu mill-irdumijiet sal-wileġ, jibqgħu niżlin sa' ħdan il-wied u saħansitra jaslu lil hinn minnu.

Id-dar batew, la ħobż biżżejjed, la lbies biżżejjed, la żejt biex martu taqlilu mqar mazzita, la biċċa eringa kollha zejt... xejn. Il-flus għall-art kien irid iġibhom minn ximkien. Għaraq u qamel. Iżda fl-aħħar għaqqad li kellu jgħaqqad, u l-art bdiet issir tiegħu f'qasir żmien.

U x-xitan jogħrok idejh u jferfer denbu bil-hena!

## Ġid Kbir

Is-snin bdew għaddejin ġmielhom. L-art bdiet tagħtih ġid tajjeb, ix-xitan ressaqlu x-xita fuq iż-żargħja tiegħu. Lill-qamħ ksihulu kisja deheb oħxon il-ġmiel tagħha u kellu ħasda li qatt ħadd ma emminha. It-tadam ħaxxinulu qabel il-bdiewa l-oħrajn, il-bettieħ imlihulu għasel u ħlewwa ta' l-għaġeb, u l-mogħoż ferrgħu gidien kemm felħu bħallikieku kienu tiġieġ qed ibidu l-bajd, jew fniek jixtru boton żrameġ wara boton!

Ċensu lanqas emmen dak li kien qiegħed jiġrilu, il-baqra x-xiħa wkoll ħarbitlu u wara ftit ħmien żerżqitlu għerha daqshiex!

Il-bdiewa l-oħrajn ħarsu lejn Ċensu mistgħaġbin, bħal beda jidher li hu magħżul minnhom, il-merħla tiegħu issa ikbar, l-ikbar waħda, l-art tiegħu akbar, u usa. U Ċensu, aktar ma kellu aktar beda jixtri, u jakkwista. Aktar ma xtara u aktar ma akkwista, aktar ried.

It-tislim beda jsir għali. Il-kliem beda jsir rari.

U x-xitan jogħrok idejh u jferfer denbu bil-hena!

## Id-Dritt tal-Bidwi Fqir

Imbagħad intebaħ li xi ħadd kien qiegħed jidħollu fl-għelieqi tiegħu. Xi ħadd kien qiegħed jidħol iqatta' l-pal tal-bajtar għall-mogħoz mir-raba' tiegħu. Tiegħu. Tas-Sur Ċensu Sikka. "Tħallihomx, tħallihomx," fesfislu x-xitan għodwa minnhom meta lemaħ il-pal tal-bajtar imqatta' frisk. "Ara l-ħarrub ukoll qed jisirquhulek. Dak tiegħek kollu għax din l-art tiegħek kollha!"

"Imma msejkna bdiewa fejn tridhom imorru jekk art m'għandhomx u jekk l-art li hawn blajthja jien kollha kemm hi?" qal Ċensu bejnu u bejn ruħu.

Ix-xitan semgħu.

"Inti ħallast il-flus għaliha din l-art," qallu ta' denbu twil. "Din l-art tiegħek. Bil-liġi l-art tiegħek. Ħadd ma jista' jindaħallek x'tagħmel bil-proprjetà tiegħek!"

"Imma jekk neħdilhom kollox fejn tridhom imorru huma?" ipprotesta Ċensu. Qalbu kienet għadha treqq għal dak li kien hu stess sa jumejn ilu.

"Xejn!" insista Ta' Denbu Twil. "Xejn! ħallik

mill-jaħasra! Ħallik mill-morali! Ħallik mill-karità. Dan negozju. L-art tiegħek u ħadd ma jista' jidħollok fiha!"

Ċensu baxxa rasu. Forsi kellu raġun ix-Xitan, ħaseb. Fuq kollox kien ħallas għal din l-art bil-flus tiegħu stess.

U biex tiġieh tajba, bi stagħgib kbir għalih, anki l-pulizija tawh raġun! U meta telgħu il-qorti għax il-bdiewa kienu qed jerġgħu jidħlulu l-għalqa, u għax riedu jgħaddu minn fuq il-ħajt tiegħu ħalli jmorru l-għalqa tagħhom bħalma kienu ilhom jagħmlu mijiet ta' snin, il-Qorti Suprema tal-pajjiż bil-gustiżżja tnixxi saħansitra minn imneħerha, qaltlu li għandu raġun! U lill-bdiewa qatgħulhom rashom. Tefgħuhom il-ħabs biex żgur ma jkollhom xejn.

"Qatt ma kellkom xejn!" qalulhom lill-imsejkna bdiewa. "Intom qatt u qatt ma kellkom xejn! Intom biss ħaddiema tal-ħamrija u xejn aktar! L-art qatt ma kienet tagħkom! Qatt u qatt! Dejjem blajtuha li kienet tagħkom imma qatt ma kellkom imqar biċċa karta li turi li dak it-trab kien tagħkom!"

Ċensu kien jaħbat jiddispajċih kultant, iżda kien jinxteħet fir-roqgħa ħamrija li kien żamm għalih, jaħdem, jagħżaq, jindokra l-qara twil u l-għeneb u l-brinġiel.

Wara kollox dik kollha art tiegħi! Kollha tiegħi! Kollha xtrajtha jien!

U x-xitan jogħrok idejh u jferfer denbu bil-hena!

## Il-Lukanda

"Għax ma tibnix lukanda!" sefsiflu x-xitan darba minnhom. Kienet ix-xitwa u Ċensu kien qiegħed quddiem il-mejda b'karta u lapes f'idejh, jgħodd u jnaqqas. Numri li ma jispiċċaw qatt. Issa sar ikollu jqatta' ħafna ħin jagħmel il-kontijiet ta' art, u qbiela u bini u bhejjem li xtara u li biegħ.

"Għax ma tibnix lukanda kbira!" reġa' sefsiflu x-xitan meta ftit jiem wara kien qiegħed fir-roqgħa ħamrija jqatta' żmien qalb il-brinġiel. Biex jistrieħ kien jagħmel mixtla basal u tewm, ibejjet il-ful u l-piżelli, u jagħmel is-swieqi bil-ħass u bil-kaboċċi... irawwem xitel tat-tursin u tan-nagħniegħ, tas-sagħtar u tal-merqdux

Ċensu nħasad u radd is-salib ħalli x-Xitan jitlaq 'l hemm.

"Għax ma tibnix lukanda!" reġa' sefsef ix-xitan meta Ċensu s-Sikka kien qiegħed mimdud b'rasu fuq l-imħadda, waqt li rasu kienet għadha mimlija numrui u numri ma jispiċċaw qatt.

Ċensu qam bil-qegħda maħsud mill-ġdid.

"X'ġaralek?' staqsiet martu maħsuda wkoll.

Ċensu ma tkellimx. Ma qal xejn.

Imma ċċaqlaq, u ċċaqlaq waħda sewwa għax għeluq is-sena kien akkwista biċċtejn art ġmielhom, biegħ biċċtejn oħrajn, iddejjen. Xaħħam minn hemm, xaħħam minn hawn, il-permessi ġewh.

U x-xitan jogħrok idejh u jferfer denbu bil-hena!

## Is-Suċċess Ekonomiku

U l-lukanda bdiet tiela' ftit ftit. L-art li xtara kienet kbirta, kienet tasal sal-baħar, tieħu minn qalb ir-raba' u wiesa mhux ħażin. U kellu jibgħat il-gaffa bil-pulizija għax il-bdiewa kellhom is-silla miżrugħa.

"Imma billi nħalihom jaħsdu s-silla l-ewwel ma fiha xejn!" qal Ċensu.

"Ħallik minn dan!" insista x-xitan. "Mela għadek baħnan! Inti xtrajt l-art. Inti sid l-art. Inti qed tagħmel proġett! Dawk flusek! Ħallik mill-bdiewa. Ħallik mill-ħniena. L-art tiegħek. Ibgħat gaffa, ibgħat il-pulizija. Din il-liġi. Din hi l-liġi tal-pajjiż. Ħallik mill-jaħasrtiet! Inkella titlef il-flus. Inkella tbati. Waqqa' dak il-bini l-antik. Waqqa' dak ir-razzett qadim-"

"Imma dik id-dar kbira ħamra ħamra ilha hemm minn żmien il-kavallieri! Kien jgħix il-granmastru fis-sajf fiha!"

"Ħallik minn dan kollu!" ħatfu x-xitan. "Waqqagħha bil-lejl ħalli ma jarawkx u jwaqqfuk xi erba' boloħ! Waqqagħha l-Ħadd fil-għaxija! Isma minni! U dak ir-razzett waqqgħu ukoll!"

"Hemm il-bdiewa fih!" ipprotesta Ċensu. "Hemm l-aħħar bidwi għadu jgħix hemm!" "Ħallik mill-qalb tajba!" insista ta' denbu twil. "Titbekkiex issa! Issa jew dħalt għaliha inkella sa jikluk huma! Min hu l-aktar b'saħħtu issa ser jirbaħ! Xaħħam ftit ieħor, aqlagħlu ftit karti fuq xulxin lill-bidwi, dak xiħ, dak qatt ma ra sold f'ħajtu, dak jagħma malli ttih ftit mijiet! Dak baħnan ieħor!"

Ċensu obda, u bagħat lill-gaffa daqshiex u lill-pulizija u qalgħu il-qamħ imdieheb lest għall-ħasda, u qalgħu is-silla ħamra lesta għall-ħasda.

U d-dar il-ħamra tassew tweqqgħet.

U l-gafef tassew għaddew min qalb is-silla mlaħħqa.

U r-razzett tabilħaqq twaqqa'.

Il-blat tassew inkesa kollu toroq u kollu bini. U flok lukanda nbnew tnejn u tlieta u ristoranti u ħwienet...

Il-flus Ċens! Il-flus Ċens! Is-suċċess Ċens! Il-progress Ċens! L-iżvilupp Ċens!"

Ċensu gie jaqa' u jqum mill-bdiewa jibku. Ċensu ġie jaqa' u jqum mill-bhejjem li issa ma kellhomx għalf aktar, u ma kellhomx aktar mergħat.

U x-xitan jogħrok idejh, u jferfer denbu bil-hena!

"Xi trid tħabbel rasek Ċensu!" qallu x-xitan. "Inti għani issa, ma jistax ikun titlef il-flus. Lill-bhejjem jistgħu isakkruhom fil-maqjel M'hemmx għalfejn joqogħdu fl-għelieqi. L-għelieqi issa rriduhom għal-

lukandi u għall-bini Ċens! Mhux għall-mogħoż u għan-nagħaġ, u l-bdabad u l-imtaten! Il-kosta issa irriduha ħalli tibni lukanda oħra aktar 'il quddiem... Mela biex imorru jgħumu fiha l-oħrajn!"

Ċensu baqa' b'ħalqu miftuħ.

"Min irid jgħum Ċens," qallu l-għafrid tal-qiegħ ta' l-infern, "min irid jgħum iħallas u jmur fil-pixxina jekk irid! U min irid jara rizza jmur fuq l-internett, u ma joqgħod jixxarrab xejn, u ma joqgħod jogħdos, u jibla' ilma xejn!

Ċensu issa lanqas jilgħab fir-roqgħa ħamrija tiegħu ma kien qed ikollu ħin, u ħalliha tiżdinga. U mas-snin insihom l-imxietel tal-basal u tat-tewm, insihom il-bejtiet tal-ful u tal-piżelli, insihom is-swieqi tal-ħass u tal-kaboċċi, u x-xitel tat-tursin u tan-nagħniegħ, tas-sagħtar u tal-merqdux nixfu u mietu.

Kien issa neħħa s-sidrija u libes ġlekk. Flok il-Morris qadima, żżaqżaq u msadda, daħħal ajruplan metallic b'erba' roti u bla ġwienaħ. Flok il-qmis li martu kienet traqqagħlu sikwit, bil-kallu ma jista' jitnaddaf sew qatt minn fejn l-għonq, issa daħħal qomos ġodda kollha kaxxi, rama l-ingravata, saħansitra tahom il-flus biex daħħluh fil-kunsill tar-raħal, u bdew jistidnuh għall-ikliet mal-kbarat tal-Belt u l-irħula l-oħra.

Mhux biss, iżda kienu saħamsitra qalulu jibda jmur jitkellem fuq ir-radju u fuq it-televixin...

## L-Aħħar Traba

Miegħu qabbad jaħdmu żewġ ġrieden xjuħ, Iħufu madwar il-Pajjiż jaraw isibux aktar art, aktar u aktar art u art.

"Hu kemm trid," qallu x-xitan jogħrok idejh kemm jiflaħ. "Hu! Hu! Ara fejn trid u nirranġalek! Ħares madwarek! Baqa' tant wesgħat! Xi triduhom dawk il-wesgħat kollha! Ħasra li tħalluhom hemm... Hu li trid! Agħżel!"

"Imma allura naħtaf kullimkien?" staqsa Ċensu miblugħ.

"Isbaħ din!" ħatfu x-Xitan. "Mela x'tagħmel! U ħaffef, ħaffef! La ma jkellmukx! La għandek il-flus! Mhux il-flus kollox! U jekk ma tkunx int immur noqros lil xi ħaddieħor! Mela ħaffef!"

"Hemm biċċa art nistgħu nidħlulha," qallu wieħed mill-ġrieden ħin minnhom.

Ċensu ħares lejn is-*site plan*. Kienet raba saqwi, u mifruxa mhux ħażin. Tmenin, disgħin tomna. Għall-ewwel ma kienx jaqbel li wied mimli raba' bħal dak jinħela. Mhux sewwa, ħaseb, mhux sewwa, mhux sewwa. Jista' jieħu xi mkien ieħor, imma mhux hemmhekk. Mhux hemmhekk. Għaliex jibqa' jagħmel ħsara lil bdiewa? X'sa jiġri la jinyemmu l-għelieqi kollha? Mhux bidwi kien jumejn ilu? Bnadi oħrajn hemm art aktar, imma mhux is-saqwi.

"U ħallik baħnan!" qallu x-xitan. "Fittex ħudha! Fittex ħudha!"

U sena wara dak is-saqwi kien kollu pedamenti. Il-wied kollu mfassal. L-inġenji jkissru u jqattgħu il-blat bla ħniena. Lis-siġar qodma qalgħuhom minn għeruqhom.

Għajnejn Ċensu bdew jikbru u jikbru, żaqqu bdiet iktar tnewwaħ għal aktar u għal aktar. Aktar ma kellu, aktar ried. Aktar ma kellu aktar ried. U x-xitan dejjem jakkwistalu, u jogħrok idejh, dejjem iwittilu t-triq, dejjem jurih lil min imur ikellem, lil min imur ixaħħam, lil min imur iħallas kemxiet kbar bil-quddiem, kif iġibha żewġ fil-qorti. Ċensu kien jieħu ċekkijiet miegħu, iżerżaq lil dak u jżerżaq lill-ieħor, iħallas fil-kont ta' dak, jibgħat flus barra, isiefer, iħallas, jinnegozja, jikkontja.

Sena wara sena. Sena wara sena sa ma xjaħ.

Imbagħad fettillu jrid jara l-brinġiel jikber u jxomm il-bżar, u jagħmel mixtla basal u tewm, ibejjet il-ful u l-piżelli, jagħmel is-swieqi bil-ħass u bil-kaboċċI, jara x-xitel tat-tursin u tan-nagħniegħ, tas-sagħtar u merqdux.

Ftakar fir-roqgħa ħamrija li kellu, ħares madwaru, ifittixha. U telaq għal għonq it-tirq ifittex. Kullimkien toroq u karozzi għaddejjin li ħallewh jgħaddi. Beda jqalleb il-pjanti u l-karti, ifittex, ifittex.

Ċensu resaq lejn il-post, fejn suppost kienet, saħansitra ħa miegħu rutella u boxla, u riga twila, lapes bil-ponta u xemprina. Taħt aptu kellu l-imgħażqa imsinna għal-lest. Fil-but ix-xitel tal-bżar u l-bringiel u t-tadam.

Iżda r-roqgħa ħamrija ma sabhiex.

Ma seta' jaraha mkien. Imbagħad sab taħżiża fuq il-pjanta li kellu, ħares sewwa, u beda miexi mill-ġdid, minn kantuniera għal oħra. Kien qabad xamma tar-roqgħa ħamrija li kellu, u li tant xtaq.

Imbagħad sabha. U fuqha kien hemm bini għoli għoli, u kisja tarmak m'eħxen tmien pulzieri.

Fejnha l-aħħar mixtla bil-basal u bit-tewm?

Fejnha l-aħħar bejta bil-ful u bil-piżelli?

Fejnha l-aħħar sieqja bil-ħass u bil-kaboċċi?

Fejnhom l-aħħar xtieli tat-tursin u tan-nagħniegħ, sagħtar u merqdux?

Ċensu ħares lejn naħa, imbagħad ħares lejn naħa oħra, u ma seta' jara xejn.

Ċensu qabad jobrox l-asfalt, qabad jobrox il-qatran iswed bl-imgħażċa li kellu jara jsibx xi mixtla jew xi sieqja, u ma seta' jsib xejn.

Issa x'sa niekol, qal imbikki meta ra l-aħħar trab mirdum.

Nikolx issa l-flus?